MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 148/2004

**Salv Bezzina & Sons Ltd**

**vs**

**Harbour Construction Company Ltd**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ippremettiet illi:

Bejn is-sena 1991 u s-sena 1995, s-socjeta' attrici pprovdiet diversi servizzi, xoghol u affarijiet ohrajn ghas-socjeta' konvenuta li ghamlet u li ordnat hafna xoghol minghand is-socjeta' attrici.

B'rizultat tal-istess xoghol gew mahrugin diversi *"invoices"* u anke saru diversi pagamenti akkont tax-xoghol.

Is-socjeta' konvenuta waqfet thallas lis-socjeta' attrici u ghad hemm dovut lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebghin elf, sitt mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm70,676).

Is-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-bilanc dovut permezz ta' diversi ittri u anke ufficjalment, dina xorta baqghet inadempjenti.

Talbu lil-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebghin elf, sitt mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm70,676) liema somma tirrapprezenta bilanc dovut, imma mhux imhallas;

2. Tordna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-istess somma ta' sebghin elf, sitt mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm70,676);

B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-26 ta' Frar, 1997 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti legali taghha jinsabu minn issa mharrka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------